**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-Gimgha 14 ta' Dicembru 2018**

**Rikors Numru : 239/2018 JPG**

**Kawza Numru : 31**

**MB**

**Vs**

**JB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MB, datat 12 ta' Settembru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi hija zzewget lil JB skont ic-certifikat 1083 tal-1962 u dan fl-Isla fid-29 ta' Lulju 1962.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg kien hemm diversi tfal.*

3. *Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghall-madwar sitt snin. Qabel mhux li biss li telaq mid-dar imma kif jista' jirrizulta, JB kkuntratta anke zwieg barra minn Malta gewwa l-Filippini.*

4. *Illi apparti li ilu dawn is-sitt snin li telaq, qabel kien ilu hamsa u ghoxrin sena jghix barra mid-dar pero' izomm id-dar ghall-konvenjenza. Il-partijiet ilhom li spiccaw ir-relazzjonijiet ta' bejniethom minn meta l-esponenti saret taf li kellu l-partner Filippina.*

5. *Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-esponenti qieghda titlob lil din il-Qorti li tiddikjara l-hall taz-zwieg u dan minhabba li l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin ghal aktar minn erba' snin.*

6. *Illi inoltre l-partijiet b'kuntratt tat-22 ta' Jannar 1998 fl-Atti tan-nutar Dr Carmelo Lia, diga sseparaw il-komunjoni tal-akkwisti u ddikjaraw li minn dik id-data waqfet il-komunjoni ghall-futur. L-esponenti mhijiex qed tistenna l-ebda manteniment minghand ir-ragel peress li dan ghal zmien twil ilu ma jaghtiha manteniment anke qabel kien siefer u mar il-Filippini.*

   *Illi ghalhekk qed titlob id-divorzju u mhu qed titlob xejn iktar ghar-ragunijiet hawn premessi*

***Talba***

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha*

*(1) Tiddikjara il-hall taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti li sar fid-29 ta' Lulju 1962 fl-Isla u li jinsab registrat skont ic-certifikat taz-zwieg 1083 tal-1962, document hawn anness, u li sussegwentement tordna lir-registratur taghha biex jirregistra lill-istess hall taz-zwieg skont il-ligi. Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' JB, datata 24 ta' Ottubru 2018, a fol 9 et seqq. li taqra hekk:

*Illi huwa jikkonferma li huwa u r-rikorrenti ilhom de facto separati ghal circa sitt (6) snin u r-regim matrimonjali ta' bejniethom huwa dak tas-separazzjoni tal-beni.*

*Illi ghalhekk huwa jaqbel mat-talba tar-rikorrenti ghall-hall taz-zwieg.*

*Illi madankollu ma ghandu ibati spejjez ta din il-procedura.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C u 66D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RM** xehdet permezz t'affidavit a fol 4 illi hija tigi bint il-partijiet u kkonfermat illi missierha l-intimat kien telaq mid-dar matrimonjali sitt snin ilu u qatt ma rega mar lura.

**JF** xehdet permezz t'affidavit a fol 5 illi hija tigi bint il-partijiet u xehdet illi ghalkemm missierha kienet ivvinta storja li kien qieghed jigi mizmum il-Filippini, hija kienet segwitu hemm u skopriet li fil-verita kienet qieghed jghix ma' mara Filippina. Xehdet illi sussegwentement skoprew illi l-intimat kien filfatt izzeweg, u dan skont certifikat taz-zwieg minn Angeles City fil-Filippini. Xehdet illi ghalhekk il-genituri taghha kien ghamlu kuntratt tas-separazzjoni tal-beni fl-1998. Ikkonfermat illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal circa hames snin, wara li missierha telaq mid-dar darba ghal dejjem.

**JB** xehed permezz t'affidavit a fol 6 illi huwa jigi bin il-kontendenti u kkonferma li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn hames snin. Qal illi kienu skoprew li filfatt missieru kien ikkontratta zwieg iehor fil-Filippini.

**MB** xehdet a fol 16 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fis-sena 1962 u minn dan iz-zwieg twieldu erbat'itfal. Ikkonfermat illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar sitt snin, u li qabel dan il-partijiet kienu diga dahlu f'kuntratt sabiex jitterminaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, u li minn dakinhar minflok ghandhom is-separazzjoni tal-beni.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat jirrizulta illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar sitt snin.

Il-Qorti rat illi ghalkemm il-partijiet ghadhom ma sseparawx legalment, huma tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Jannar 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia, debitament approvat mill-Qorti – vide Dok A a fol 14 tal-process.

Il-Qorti rat ukoll illi l-partijiet m'ghandhom l-ebda pretensjoni ghall-hlas tal-manteniment minghand xulxin.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**In vista tac-cirkostanzi, il-Qorti tordna li l-ispejjez jithallsu kollha mill-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**